PLURIBUS PARENS

Minuti tat-tmientax il-laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tlieta 07 ta' Jannar 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |
| Skużata:- | Kunsilliera: | Demelsa Grech |

**Aġenda:-**

1. Proġett Triq Ħal Safi Gudja:- Bankina u resurfacing

2. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku li kien għadu kemm ġie infurmat permezz ta' telefonata mill-Kunsilliera Demelsa Grech li stqarret li peress li hija (minkejja li rċevit l-avviż u l-Agenda b'mod eletroniku) hija ma ndunatx li l-laqgħa kienet għal-illum u peress li hija qalet li kull nhar ta' Tlieta ma setgħetx tattendi l-laqgħat minħabba impenji oħra, hija ma kienitx sejra tattendi għal din il-laqgħa u talbet li tkun skużata.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera D. Grech tkun konsidrata skużata u minkejja din l-assenza tagħha, għal kull buon fini, din l-assenza m'għandix tnaqqas l-onorarja tal-istess D. Grech.

**1.0 Proġett Triq Ħal Safi Gudja:- Bankina u resurfacing**

1.1 Proġett Triq Ħal Safi minn Triq il-Kbira sa Triq il-Pluvieri u tkompli sa faċċata tal-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Birżebbuġa u nħawi li jmissu magħhom.

1.2 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku informa lill-Kunsill illi għalkemm l-Perit tal-Kunsill kienet ġiet infurmata sabiex tattendi għal din il-laqgħa, hija kienet, il-llum stess, kitbet li ma setgħetx tattendi iżda bagħatet kommunikat bil-miktub li għandu jkun ukoll ikonsidrat li tifforma parti integrali ma' dawn il-minuti kif ukoll markati dok 'PAB No1'

1.3 Saret deliberazzjoni estensiva dwar dan il-proġett u saru diversi osservazzjonijiet sabiex dan ix-xogħol issir bi pjan ħolistiku, issir infieq bil-galbu u li jkun hemm l-anqas inkonvenjent possibli kemm għar-residenti kif ukoll għal dawk li jkunu jiffrekwentaw dawn l-inħawi.

1.4 Dwar il-partijiet ta' Triq Ħal Resqun ( li jmissu ma' Triq Ħal Safi li għadhom qatt ma saru għandhom jinġiebu stimi kemm għat-tarmak u kemm jekk isiru bil-konkos. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi jekk u meta l-Kunsill jagħmel xogħol fuq wiċċ ta' triq jista faċilment jiġi interpretat li l-Kunsill ikun assuma r-responsabbilta għal dik il-part tat-triq.

1.5 Fi Triq Birżebbuġa mill-bini sal-ħajt tas-sejjiegħ, il-Kunsill għandu jġib stima kemm tat-tarmak kompletament kif ukoll ukoll jekk ikun hemm konkos fuq żewġ partijiet fuq il-ġnub u li jsir tarmac fin-nofs sabiex minn fuqu jgħaddu l-karozzi.

1.6 Fi Triq Ħal Safi, għandha ssir fuq naħa bankina u fuq naħa oħra jinqata dritt bil-konkos sabiex jiġi evitat li ma jitmissux il-ħitan tal-għalqa liema ħitan jidhru li jinsabu fi stat ħażin u jistgħu jaqgħu faċilment.

1.7 Il-Kunsill talab li l-Perit Bonnici (Perit inkarigata mill-Kunsill) tagħmel rapport dwar il-qagħda preżenti ta' dawn il-ħitan u dan għandu jsir qabel jibda xi xogħol u liema rapport għandu jintbagħat mill-Kunsill lis-sidien tal-għelieqi u dan b'mod li tiġi miġbuda lilhom l-attenzjoni tal-istess ħitan u b'hekk il-Kunsill ikun skolpit mir-responsabilta dwar xi ħsara li tista' tfeġġ meta l-Kunsill ikun beda x-xogħol fl-istess triq.

1.8 Dwar parti mit-triq Vjal it-Torri li tkun sejra tiżbokka fi Triq Birżebbuġa, l-Kunsill qabel li tinkiseb stima dwar li din il-parti tat-triq issir bil-konkos. Hawhekk l-istess inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li jekk issir xi xogħol fuq triq li ma tkunx għada saret ikun hemm ir-riskju li jiġi interpretat li din it-triq taqa' taħt ir-responsabbilita tal-Kunsill.

1.9 F'dawn iċ-ċirkustanzi il-Kunsill qabel li fejn hemm partijiet li qatt ma saru (partijiet ta' Triq Ħal Resqun u dik ta' Vjal it-Torri li tmiss ma' Triq Birżebbuġa) il-Kunsill qabel li jitlob lid-dipartiment ikkonċernat fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura immexxi mill-Ministru Joe Mizzi u lit-Trasport Malta sabiex dawn ix-xogħlijiet meħtieġa issiru mill-Ministeru/TM bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill u filwaqt li jiġi evitat ir-riskju u spiża għal Kunsill ikun hemm proġett ħolistiku u ta' fejda kemm għar-residenti kif ukoll għal kull min jiffrekwenta dawn l-inħawi.

1.10 Xogħol fuq il-bankina fi Triq Ħal Safi. Il-Kunsill iddeċieda li l-Perit Bonnici tal-Kunsill tingħata l-inkarigu li taġixxi b'mod immedjat dwar ix-xogħol meħtieġ fuq din il-bankina fuq naħa ta' Triq Ħal Safi kif diġa approvat mill-MEPA fl-24 t'Ottubru 2012 iżda jekk jirriżula li dan il-permess ikun skada għandu jinkiseb permess ġdid fl-aqsar żmien possibli sabiex tonqos it-tbagħtija u inkovenjent għar-residenti ta' dawn l-inħawi. Ara 'Dok Mepa 1'.

1.11 Laqgħa fuq il-post fil-preżenza tal-Perit Bonnici nhar is-Sibt 11 ta' Jannar 2014 fit-8.30a.m. Il-Kunsill qabel li għandha ssir din il-laqgħa fuq il-post sabiex dan il-proġett jibda u jitmexxa b'mod professjonali, effettiv u effiċjenti u skond kif jippermettu l-finanzi tal-Kunsill.

## 2.0 <u>Għeluq tal-Laqgħa u Aġġornament</u>

2.1 Peress li l-materja fuq l-Agenda ġiet eżawrita s-Sindku aġġorna l-laqgħa fit-8.05p.m. għal nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014 fuq Agenda li tiġi ċirkulata lill Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-